**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITA' U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem** ____________________________ **Klassi** ______________

**1. Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1.1 L-aħħar żmien tal-presitorja f'Malta hu:

(a) Żmien Għar Dalam (b) Żmien it-Tempji (ċ) Żmien il-Bronż (d) iż-Żmien Puniku

1.2 Wieħed minn dawn il-fdalijiet preistoriċi jinsab f'Għawdex:

(a) il-Ġgantija (b) l-Ipoġew f'Ħal Saflieni (ċ) Ħaġar Qim (d) Skorba

1.3 Id-dolmen hu fdal importanti ta' Żmien:

(a) il-Bronż (b) Puniku (ċ) ir-Rumani (d) l-Għarab

1.4 San Pawl ġie Malta fi żmien:

(a) il-Feniċi (b) il-Kartaġiniżi (ċ) ir-Rumani (d) il-Biżantini

1.5 Fiż-żmien Neolitiku l-Maltin kienu jużaw għodod magħmulin mill-:

(a) ħadid (b) granit (ċ) ħaġar (d) bronż

1.6 Liema minn dawn huwa fdal tal-Biżantini f'Malta?

(a) Skorba (b) id-Domus tar-Rabat (ċ) il-Katakombi ta' San Pawl (d) id-dolmen

**(6 x 1 = 6 marki)**

**2. Ikteb VERU jew FALZ fil-kolonna l-vojta.**

| | | |
|---|---|---|
| 2.1 | L-ewwel nies li ġew Malta bnew it-tempji megalitiċi. | |
| 2.2 | L-istoriku hu espert li jfittex fid-dokumenti u jikteb l-istorja. | |
| 2.3 | Ta' Ħaġrat hu tempju preistoriku f'Għawdex. | |
| 2.4 | Id-dolmen hu fdal ta' żmien il-Kartaġiniżi f'Malta. | |
| 2.5 | Fi żmien Ġesù r-Rumani kienu pagani. | |
| 2.6 | It-twemmin fl-Islam ħareġ mill-Għarabja. | |

**(6 x 1 = 6 marki)**

**3. Ħakmiet differenti fuq Malta fi żmien il-qedem.**

3.1 Qiegħed dawn is-sorsi wara xulxin skond iż-żmien tagħhom billi tikteb numri minn 1 sa 4. Ibda mill-aktar wieħed antik.









☐ Iċ-Ċippus ☐ Il-Ġgantija ☐ Id-Domus Rumana ☐ Għar Dalam

(4 x 1 = 4 marki)

3.2 Qiegħed dawn il-ħakkiema barranin li ħakmu fuq il-gżejjer Maltin fi żmien il-qedem wara xulxin skond iż-żmien li ġew. Waħda minnhom hi mogħtija bħala eżempju.

***Rumani, Għarab, Feniċi, Biżantini, Kartaġiniżi*** (4 marki)

Ikteb it-tweġibiet tiegħek fil-kaxxi hawn taħt billi tibda mill-iktar wieħed antik.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | 2. *Kartaġiniżi* | 3. | 4. | 5. |

**(Total = 8 marki)**

**4. Għid kif kienu jissejħu dawn:**

4.1 Ġebla kbira mimduda ta' Żmien il-Preistorja f'Malta. ____________________

4.2 Il-mexxej ta' l-Imperu Ruman (bħal Awgustu u Neruni). ____________________

4.3 Il-belt kapitali ta' l-Imperu Ruman. ____________________

4.4 Is-slaten ta' l-Eġizzjani tal-Qedem. ____________________

4.5 Il-ktieb qaddis tal-Misilmin. ____________________

4.6 Ix-xmara li minnha kienu jieħdu l-ilma l-Eġizzjani tal-Qedem. ____________________

**(6 x 1 = 6 marki)**

5. **Imla t-tabella dwar dawn is-sorsi, kif muri fl-eżempju mogħti fin-numru 5.1.**

| | Sors | X'qed jurik is-sors? | Ta' liema żmien hu? |
|---|---|---|---|
| 5.1 |  | *Skieken tal-bronż* | *Żmien il-Bronż* |
| 5.2 |  | | |
| 5.3 |  | | |
| 5.4 |  | | |
| 5.5 |  | | |

**(8 x 1 = 8 marki)**

**6. Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb numri minn 2 sa 11 fil-kolonna l-vojta. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Neruni | | waqqaf it-twemmin fl-Islam |
| 2 | Ġulju Ċesri | | belt tal-Feniċi fil-Libanu |
| 3 | Il-logħob olimpiku | | filosofu Grieg |
| 4 | Is-Senat | | mexxej tal-Griegi li rebaħ l-Eġittu u l-Persja |
| 5 | Alessandru l-Kbir | | fdalijiet ta' l-Eġizzjani tal-Qedem |
| 6 | Il-Piramidi | | kompetizzjonijiet li bdew mill-Griegi tal-Qedem |
| 7 | Il-gladjaturi | | fdal tal-Griegi tal-Qedem f'Ateni |
| 8 | Aristotli | | il-Gvern li kien imexxi l-Imperu Ruman |
| 9 | Muħammed | | Ġeneral u dittatur Ruman li nqatel mis-Senaturi |
| 10 | L-Akropoli | | ilsira jiġġieldu fil-Kolossew ta' Ruma |
| 11 | Tiru | **1** | Imperatur Ruman li ħaqar lill-ewwel Insara ta' Ruma |

**(10 x 1 = 10 marki)**

**7. Uża minn dawn il-kliem biex timla l-vojt tas-silta dwar Malta fi żmien ir-Rumani.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| *villa* | *inbid* | *drapp* | *Verres* |
| *banjijiet* | *Marsaxlokk* | *Pretur* | *Ġuno* |
| *kummerċ* | *domus* | | |

Kajjus ____________ kien ________________ f'Malta fi żmien ir-Rumani. L-Avukat Ċiċerun kien xlieħ li seraq oġġetti prezzjużi mit-tempju ta' ____________ f'Tas-Silġ. F'dak iż-żmien il-Maltin kienu jinsġu ___________ fin u jagħsru l-għeneb f'___________. Il-bajja ta' ________________ kienet il-port ewlieni għall-______________. L-aħjar fdalijiet ta' dak iż-żmien illum huma d- ___________ tar-Rabat, il- _______________ f'Għajn Tuffieħa u l-_______________ f'San Pawl Milqi.



*Id-domus Rumana.*

**(10 x 1 = 10 marki)**

**8. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar il-Feniċi u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

**Sors A**

Il-Feniċi oriġinaw mil-Libanu, eżattament mill-ibliet antiki ta' Tiru, Sidon u Biblos. Kienu jibnu xwieni b'saħħithom mis-siġar taċ-ċedru li kienu jikbru fil-Libanu. Kienu jagħmlu d-drapp vjola mill-bebbuxu *murex tunculus*. L-allat ewlenin li kienu jaduraw kienu Ba'al Ħammon u Astarte. Huma waqqfu diversi kolonji max-xtut tal-Mediterran. L-akbar interess tagħhom kien il-kummerċ li kien isir permezz tat-tpartit (*bartering*).

**Sors B**



8.1 Minn liema art tal-Mediterran ħarġu l-Feniċi? (*Persja, Libanu, Afrika, Greċja*) (1)

8.2 X'użu kienu jagħmlu l-Feniċi minn dawn:

(a) il-bebbuxu *murex tunculus*? ______________________

(b) is-siġar taċ-ċedru? ______________________ (2)

8.3 Semmi **ŻEWĠ** allat tal-Feniċi li jissemmew fis-silta.

______________________ ______________________ (2)

8.4 Għaliex huma waqqfu diversi kolonji madwar il-baħar Mediterran?

______________________________________________ (2)

8.5 Kif kienu jbigħu u jixtru l-prodotti mingħajr ma kienu jużaw il-muniti tal-flus?

______________________________________________ (2)

8.6 Liema minn dawn il-ġnus ħareġ mill-Feniċi?

*Ir-Rumani, Il-Griegi, Il-Kartaġiniżi, L-Eġizzjani, Il-Lhud, L-Għarab, Il-Persjani* (1)

8.7 Sors B juri biċċa fuħħar ta' żmien il-Feniċi b'tinqix fuqha. X'juri dan is-sors dwar iċ-ċiviltà tal-Feniċi?

______________________________________________ (2)

**(Total: 12-il marka)**

**9. Ħares sewwa lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**

Il-mappa turi tliet simboli tar-reliġjonijiet li ħarġu mill-artijiet ta' madwar il-Mediterran.



9.1 Ma' liema reliġjon kienu jagħmlu dawn. L-ewwel waħda hi mogħtija bħala eżempju.

| | | Twemmin Lhudi | Twemmin Nisrani | Twemmin fl-Islam |
|---|---|---|---|---|
| a | Ġesù Kristu | | ✓ | |
| b | Il-Vanġelu | | | |
| ċ | Il-Quran | | | |
| d | Mekka | | | |
| e | Il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli | | | |
| f | Il-bidu tat-twemmin f'Alla wieħed | | | |
| ġ | L-istilla tas-sultan David | | | |
| g | L-istilla u nofs qamar | | | |
| għ | Is-Salib | | | |

(8 x 1 = 8 marki)

9.2 Kważi l-ġnus tal-qedem ta' madwar il-Mediterran kienu ta' twemmin pagan. Dan ifisser li huma kienu jaduraw diversi allat taħt xbiha ta' annimali jew bnedmin. Kompli imla t-tabella skond l-eżempji mogħtija.

| | Allat | Eġizzjani | Feniċi | Kartaġiniżi | Griegi | Rumani |
|---|---|---|---|---|---|---|
| a | Tanit | | | ✓ | | |
| b | Ra | | | | | |
| ċ | Żews | | | | | |
| d | Astarte | | | | | |
| e | Ġupiter | | | | | |

(4 x 1 = 4 marki)

**(Total: 12-il marka)**

**10. Ħares sewwa lejn dan is-sors dwar il-ħajja fi żmien il-preistorja Maltija. imbagħad wieġeb il-mistoqsjiet dwaru.**




10.1 L-istampa turi Maltin ta' żmien:

(a) Għar Dalam (b) il-preistorja (ċ) ir-Rumani (1)

10.2 X'jidhru li qed jagħmlu n-nies fis-sors hawn fuq. Qabbel ix-xogħol li qed jagħmlu ma' l-ittra u ikteb it-tweġiba tiegħek fit-tabella hawn taħt:

| | |
|---|---|
| A | |
| B | |
| Ċ | |
| D | |
| E | |

(5 x 1 = 5 marki)

10.3 X'materjal kienu jużaw il-Maltin Neolitiċi (Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar) biex jagħmlu dawn l-oġġetti meħtieġa għall-għajxien tagħhom?

***tafal, għadam, suf tan-nagħaġ, ħaġar***

| | | |
|---|---|---|
| a | Biex jagħmlu l-ħwejjeġ | |
| b | Biex jagħmlu l-għodod | |
| ċ | Biex jagħmlu oġġetti tal-fuħħar | |
| d | Biex jagħmlu labar u ġiżirajjen | |

(4 x 1 = 4 marki)

**(Total: 10 marki)**

**11. Ikteb paragrafu dwar wieħed minn dawn it-temi.**

11.1 Ikteb dak li taf dwar dak li kienu kapaċi jagħmlu l-Griegi tal-Qedem.

11.2 Kif beda l-Kristjaneżmu fil-Palestina? Kif daħal f'Malta dan it-twemmin fis-sena 60 W.K?

11.3 X'kienu l-Gwerer Puniċi? Min kien Annibale u għal xhiex baqa' magħruf fl-istorja? Kif tissemma Malta fil-Gwerer Puniċi?

11.4 Ikteb dak li taf dwar **tnejn** minn dawn il-fdalijiet ta' żmien il-qedem:
(a) L-Akropoli
(b) Iċ-Ċippus
(ċ) Il-Katakombi ta' San Pawl
(d) Il-Villa f'San Pawl Milqi
(e) L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni **(Total: 12-il marka)**